*F'għeluq il-100 sena minn mewthom*

# TLIET SENGLEANI LI GĦAMLU ISEM LIL MALTA

## •KAROLINA CAUCHI •ACHILLE FERRES •DWARDU CACHIA

Fost l-ulied Sengleani li għamlu isem għal pajjiżna u li din is-sena jaħbat għeluq il-100 sena minn mewthom hemm Karolina Cauchi (1824-1907), fundatriċi tas-sorijiet Dumnikani, Achille Ferres (1838-1907), li tana l-ewwel storja tal-Knisja ta' Malta, u Dwardu Cachia (1857-1907), fost l-ewlenin poeti Maltin tas-seklu dsatax.

Fit-tfittix li qed nagħmel għall-pubblikazzjoni bl-Ingliż dwar nies prominenti Maltin li nittama li nippublika ftit xhur oħra, sibt għexieren ta' kompajżani li twieldu f'Beltna. Uħud minnhom huma magħrufa, u forsi saħansitra ħafna minna nafuhom jew niftakruhom, imma hemm għadd ġmielu ta' oħrajn li ftit hawn min jaf li huma Sengleani, għaliex ftit li xejn huma magħrufa. Illum se nagħtu titwila flimkien lejn dawn it-tliet personalitajiet li mietu 100 sena ilu. Dnub li f'Beltna ma hemm l-ebda triq imsemmija għal xi wieħed minn dawn il-personalitajiet.



**KAROLINA CAUCHI (1824-1907) - Fundatriċi tas-Sorijiet Dumnikani Maltin**

Dawn it-tliet personalitajiet li għandna llum taw kontribut f'diversi oqsma tal-ħajja. Cauchi, pereżempju kienet benefattriċi tad-djoċesi ta' Għawdex, imma fuq kollox, bniet monasteru u waqqfet il-kongregazzjoni tas-sorijiet Dumnikani fil-gżira ta' Għawdex. Hi twieldet l-Isla fil-25 ta' Diċembru 1824. Missierha kien nutar mir-Rabat Għawdex, u flimkien mal-ġenituri trabbiet l-Isla. Billi missierha kien żdiedlu x-xogħol f'Għawdex, ħtieġlu li flimkien ma' martu u l-unika tifla, jmorru jgħixu hemm. Karolina kellha trobbija profondament nisranija li nisslet fiha devozzjoni kbira lejn il-Madonna. Minkejja li kienet imħajra kemm-il darba mill-ġenituri tagħha biex tiżżewweġ, hi ħasset li kellha tiddedika ħajjitha għal Alla.

Fi xbubitha, Karolina kienet iltaqgħet ma' kuġinitha Fortunata Spiteri, bint avukat ieħor li twieldet il-Belt fl-ambjent tal-patrijiet Dumnikani, imma li hi wkoll mal-familja tagħha kienu marru joqogħdu r-Rabat Għawdex. Iż-żewġ tfajliet saru ħbieb kbar u t-tnejn xtaqu li jikkonsagraw ruħhom lil Alla. It-tnejn li huma kienu tħajru li jissieħbu mas-sorijiet Dumnikani tal-Klawsura

fl-Italja, billi f'Malta ma kienx hawn monasteru tas-sorijiet. Dan il-ħsieb, iżda ma seħħx għaliex ftit li xejn xtaqu li jinfirdu minn pajjiżhom.

F'dan l-istess żmien l-Għawdxin kien qed iħabirku biex Għawdex isir Djoċesi għalih. Fost dawk li ħabirku kien hemm l-istess missirijiethom. Ulied iż-żewġ familji Cauchi u Spiteri kienu wkoll ikkontribwew għall-mensa tad-djoċesi l-ġdida ta' Għawdex.

Flimkien ma' kuġinitha, Karolina kienet diġà qed taħdem biex tiftaħ kunvent fir-Rabat Għawdex għas-sorijiet. Karolina sabet għajnuna kbira minn Mons Pietru Pace, li kien Vigarju Ġenerali, li aktar tard sar l-Isqof ta' Għawdex, li fi żmienu ingħelbu d-diffikultajiet u l-ftuħ tal-kunvent sar realtà.

Karolina bniet l-ewwel kunvent minn flusha biex fih ingħata bidu għall-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Dumnikani ta' Malta. L-ewwel monasteru infetaħ fil-Belt Victoria, u l-Kongregazzjoni kienet uffiċċjalment imwaqqfa fis-6 ta' Ottubru 1889, festa tal-Madonna tar-Rużarju.

Fit-2 ta' Awissu ta l-1893 ġiet aggregata ma' l-Ordni Dumnikan, mill-Ġeneral ta' l-Ordni Dumnikan ta' dak iż-żmien. Fl-1916 infetħet l-ewwel dar ta' din il-kongregazzjoni f'Malta, f'Ħal Lija, Casa San Pietro.

Din il-Kongregazjoni għandha djar oħra, f'Ħaż-Żabbar, l-Imġarr Għawdex, il-Ħamrun, Ħ'Attard, in-Naxxar, Ħal Safi, u f'tal-Virtù. Għandhom djar oħra fl-Ingilterra, l-Italja, Awstralja, Pakistan u s-Sri Lanka. Karolina mietet fis-17 ta' Lulju 1907.

## ACHILLE FERRES (1837-1907) - Storiku.



Fl-età ta' 28 sena Ferres kien diġa' kiteb l-istorja tal-knisja f'Malta - *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo.* Iben Franġisk u Franġiska Bertis, Achille twieled l-Isla fis-7 ta' April 1837. Wara li ggradwa mill-Università inħatar assistent-kap ta' l-iskola primarja tal-Belt, u sentejn wara kap ta' l-istess skola. Fl-1882 tela' tarġa oħra, u sar spettur ta' l-iskejjel tal-Gvern.

Ferres wera mħabbtu mhux ftit lejn l-istorja u l-ilsien Malti. Fl-1862, meta kien għad kellu 25 sena, kiteb l-ewwel ktieb tiegħu, li kien riċerka filoloġika dwar il-lingwa Maltija, *Notizie Storiche sull'Etimologia dei nomi appropriati a varie località dell'isola di Malta.*

Inqas minn erba' snin wara kiteb *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo,* volum ta' 700 pagna, li hu meqjus bħala l-aqwa biċċa xogħol tiegħu. Dan il-ktieb li hu kkwotat kontinwament, fih tagħrif imprezzabbli. Id-dnub hu li dan il-ktieb mhux dokumentat. Minkejja l-valur tiegħu, u sostanzjalment il-fatti li fih huma minnhom, l-istoriċi ma jistgħux jaċċettaw lil Ferres b'għajnejhom magħluqa. Hemm ħafna datatazzjonijiet li ġew korretti. Ferres jibqa' dak li hu, u għandna nħossuna grati għall-kontribut kbir li ta dan is-Senglean lill-pajjiż.

Ktieb ieħor ta' ċerta importanza li kiteb Ferres fl-1881, hu *Memorie dell'Inclito Ordine Gerosolimitano esistente nell'Isola di Malta* . B'din il-kitba, l-Ordni ta' San Ġwann, minkejja li kien spiċċa minn Malta, innominat lil Ferres bħala Kavallier.

Ferres kiteb ukoll kotba għat-tfal ta' l-iskejjel, bħal *First Elements of English Grammar, A New Practical and Easy Method of Learning the English language* (1881), u *First Book of Lessons for the use of Government Primary Schools* (1888-98).

Il-kitba ta' Ferres ma waqfitx hawn. Kiteb għadd ta' kotba oħra ta' xejra reliġjuża bħal: *Il-Ħajja ta' San Franġisk t'Assisi* (1880), *L-Istorja tal-Madonna ta' Liesse* (1888), u *Il-Ħajja ta' Sidna Ġesù Kristu.*

Jekk naħsbu li Ferres kiteb dawn biss, sejrin imqarrqa. Apparti għadd ta' kotba oħra dwar kurunelli, talb, il-Via Matris, u ħajjiet ta' qaddisin, Ferres kiteb ukoll dwar il-folklor Malti. Ftit forsi jafu li dan il-kittieb, bil-kitbiet storiċi kbar li tana, għaddielna bosta tagħrif, u ta kontribut kbir dwar il-leġġendi Maltin u d-drawwiet ta' pajjiżna. Għalkemm Ferres kiteb l-aktar bit-Taljan,

għandu ħafna kitba oħra bil-Malti mxerrda f'rivisti ta' żmienu.

Dan l-istoriku Senglean, bħal Pietru Pawl Castagna, ħejja t-triq biex kittieba li ġew warajh, setgħu jiġbru d-drawwiet qodma tal-Maltin, u oħrajn setgħu jdommu l-leġġendi u r-rakkonti popolari tal-poplu tagħna.

Għall-ħidma storika, reliġjuża u l-attivtajiet filantropiċi li wettaq f'ħajtu, Ferres inħatar Kavallier ta' l-Ordni Pontifiċju ta' San Girgor.

Ferres kien miżżewweġ lil Filomena Brincat u kien joqgħod il-Belt. Achille Ferres tana Ferres ieħor - ibnu Franġisku, imsemmi għan-nannu - li twieled il-Furjana, u li kien persunaġġ ieħor li għamel isem lill-pajjiżna. Dan kien avukat, kien sar saċerdot, kien kappillan fl-Air Force fi żmien l-Ewwel Gwerra l-Kbira, u qabel l-1921 ingħaqad mal-partit *Unione Politica Maltese*, tas-Senglean l-ieħor, Injazju Panzavecchia. Fl-1921 Ferres ikkontesta s-seba' distrett elettorali u kien elett fl-1921 u fl-1924. Bejn Ottubru ta' l-1921 u Lulju ta' l-1923 kien Ministru ta' l-Edukazzjoni.

Achille miet fid-dar tiegħu fi Triq Federiku l-Belt fl-1 ta' Frar 1907, mitt sena ilu.



**DWARDU CACHIA (1857-1907) - Poeta**

Minkejja li Dwardu Cachia hu aktarx marbut ma' xogħol magħruf wieħed, il-kitba tiegħu xprunat lill-kittieba li ġew warajh matul l-ewwel għexieren tas-snin tas-seklu għoxrin. Din hi l-fehma tal-Professur Oliver Friggieri dwar dan il-poeta.

Fl-2005 is-Sur Joseph Axiaq ippubblika ktieb dwar dan is-Senglean-poeta li jien qed nibni din il-kitba: *Dwardu Cachia 1857-1907*.

Iben Francesco Saverio Cachia u Beatrice Darmanin, Dwardu twieled fis-26 ta' Awissu 1857. L-iżgħar iben minn fost ħutu erba' subien u żewġt ibniet. Ta' sitt snin daħal l-iskola tal-Gvern u dejjem wera interess għat-tagħlim. Fl-1874 ingħażel biex isir għalliem, meta kien għad kellu sbatax-il sena, u mar jgħallem fl-iskola primarja tal-Birgu. Wara kien trasferit għall-iskola ta' l-Isla u wara f'dik ta' Ħal Tarxien. Dam impjegat fl-iskejjel tal-Gvern għal tlieta u tletin sena, meta kien irtira fl-1 ta' Frar 1907.

Ta' 29 sena kien iżżewweġ lil Marija Anna Felice minn Tas-Sliema. Il-koppja kellhom tifel, semmewh Franġisku Saverju, li iżda miet ta' sena u disa' xhur.

Dwardu Cachia dejjem ra kif għamel biex jitgħallem aktar għax kien iħobb jaqra ħafna, anki b'ilsna barranin u kull sold żejjed li kien ikollu kien jonfqu fil-kotba. Kien jaf sewwa bl-Ingliż, bit-Taljan u bl-Ispanjol, u kien midħla wkoll tat-teatru.

Cachia kien trabba f'familja nisranija u l-valuri nsara qatt ma naqsu fih. Dawn urihom ukoll fix-xogħlijiet letterarji tiegħu, kif ukoll tul ħajtu kollha. Hu kien marad b'sidru, iżda f'poeżiji li kiteb, jesprimi l-qilla ta' din il-marda u l-fidi qawwija li kellu f'Alla.

Cachia kien membru fix-Xirka Xemia u kien jikteb poeżiji u jippubblikahom f'*Is-Sebħ*, *Qari għall-Maltin* u f'folji oħra ta' żmienu. Fl-ewwel perijodu tal-ħajja letterarja, Cachia kiteb għadd sabiħ ta' poeżiji, li ma tantx kienu ta' livell letterarju għoli. Dun Karm Psaila jgħid, li dawn il-poeżiji ta' Cachia ta' dan l-ewwel perijodu, xorta kienu ta' valur fil-letteratura tagħna għaliex kienu l-pedament li fuqu nbena xogħol ieħor tiegħu. Fl-1886 Cachia ġabar dawn il-poeżiji fi ktieb ċkejken *Taqbil bil-Malti*, li fih kien hemm inkluża l-ballata 'Katrin ta' l-Imdina' li hi kkunsidrata bħala xogħol letterarju bikri ta' livell għoli.

Mal-medda tas-snin Dwardu Cachia żviluppa sew il-kapaċitajiet letterarji tiegħu, u dan wieħed jista' jarah bejn dawk tal-bidu u dak li kiteb aktar 'l quddiem. Bħal xi kittieba ta' żmienu, Cachia impenja ruħu li jaqleb

xi xogħlijiet barranin għall-ilsien Malti. Kif jgħid Joe Axiaq, il-kittieb ta' l-istudju dwar Cachia, xogħol ewlieni li xeħet dawl ġdid fuq kitbet Cachia lejn l-aħħar snin tas-seklu dsatax kien dak li qaleb mill-Portugiż: 'A uma captiva per nome Barbara com quem o Poeta andava de amores Na India', poeżija ta' Endechas de Luiz de Cameons. Ġużeċ Cassar Pullicino, li wkoll għamel studju dwar Dwardu Cachia, jgħid li 'wieħed japprezza aktar dan ix-xogħol meta nqisu li mhux it-tradutturi kollha ta' dawn il-versi rnexxielhom jaqilbuha u jżommu l-istess metrika ta' l-original'.

Dwardu Cachia miet fit-12 ta' Gunju 1907, fl-età ta' 49 sena, fid-dar tiegħu, f'166 Triq il-Vitorja, l-Isla. Kurjuż il-fatt, iżda li żewġ persuni qrib ta' Cachia jagħtu verżjoni differenti dwar il-mewt tiegħu. Rogantin Cachia, neputih mill-Isla wkoll, li aktar tard sar wieħed mit-trejdunjonistiċi ewlenin Maltin jgħid li 'z-ziju Dwardu miet f'waħda mill-isbaħ djar ta' l-Isla, nru 166 Strada Vittorja, imdawwar minn oħtu Manwela, li kienet nurse, minn ibnu l-waħdieni, ħutu, neputjiet u għadd ta' ħbieb'.(Ara ittra li dehret f'*Il-Malti*, Ġunju 1954).

Mill-banda l-oħra, Agostino Levanzin, ħabib ta' Cachia, jikkontradixxi dan kollu, u f'ittra li dehret f'*The Times of Malta* tat-12 ta' Awissu 1946 semma li Cachia: 'died in poverty and tubercolosis, neglected by everybody. I went to see him in his last days and he gave me his photo that went lost with my other valuable treasures...' F'ittra oħra li kiteb l-istess Levanzin fit-22 ta' Settembru 1946 lil Ġużeċ Cassar Pullicino jgħidlu: '... miet f'idejja f'gorboġ ħdejn iċ-ċimiterju f'għaks kbir bil-mard tas-sider u qalbu maqsuma... Ħuti kellhom ir-ritratt li tani hu'.

Qabel nagħlaq dan it-tagħrif dwar dan is-Senglean, se nġib seba' kwartini b'versi kwaternarji li Cachia kiteb f''Talbiet qsar lill-Madonna'. Xieraq f'dawn il-ġranet tal-festa nagħlaq b'dan il-ħsieb:

*O Marija, Xemx għalina, Dawl agħtina għax id-dlam.*
*O Marija, Għall-ġieħ tiegħek, dejjem miegħek lilna żomm.*
*O Marija, Tama tagħna, tħallix magħna jirgħa d-dnub.*
*O Marija, Port ta' sliem, lilna ndiema aqla' fis.*
*O Marija, Mingħand Alla, lilna qalla' maħfra lkoll.*
*O Marija, fil-mewt tagħna, ieqaf magħna bħala Omm.*
*O Marija, Ħudna l-Ġenna, biex tithenna ruħna wkoll.*

***Michael J. Schiavone***

*Riferenzi:*


A.E. Abela, *Grace and Glory. Malta: People, Places & Events. Historical Sketches* (1997).
Ġ. Aquilina, 'Achille Ferres', Gallery of Distinghuished Maltese' *Times of Malta* (29.viii.1978).
Id., *Il-Muża Maltija, Antoloġija ta' poeti Maltin* (1964).
Id., *Antoloġija ta' Proża Maltija,* I (1980).
Ed. Azzopardi Sant, *Melita Melitensium* (1932).
A. Bonnici, *L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilka Santwarju ta' Marija Bambina* (1991).
J. Axiaq, *Dwardu Cachia 1857-1907* (2005).
J. Bezzina, *Religion and Politics in a Crown Colony - the Gozo-Malta Story 1798-1864* (1985).
V. Bonello, B. Fiorentini, L. Schiavone, *Echi del Risorgimento A Malta* (1982).
Joseph Calleja, *Dizzjunarju tal-Misidjani* (2001).
Id, *L-Imsida l-Bieraħ u Llum,* vol. II, (1990).
G. Cassar Pullicino, 'Achille Ferris', *Il-Bennejja tal-Folklore Malti* (1964).
Id., 'Traduzzjoni minn Camoens Bil-Malti', *Il-Malti,* (Gunju, 1952).
Id, *Il-Kitba bil-Malti sa l-1870,* K.K. No. 31 (2001).
A. Cassola, *The Literature of Malta. An Example of Unity and Diversity* (2000).
D. Fenech, *Wirt Il-Muża, Studji Kritiżi Komparattivi,* (1977).
Achille Ferres, *Descrizione Storica Delle Chiese Di Malta e Gozo* (Facsimile edition, 1985).
O. Friggieri, *Storja tal-Letteratura Maltija* - I – Poeżija mill-bidu sa Dun Karm, (1979).
Id. 'Anton Muscat Fenech e Dwardu Cachia', in *Storia della Letteratura Maltese,* (ed. Milazzo, 1986).
Id. *Il-Ktieb tal-Poeżija Maltija,* Vol. II (1987).
Id. *Il-Poeżija Maltija – antoloġija* (1997).
*Malta Year Book* (1998).
R. Mifsud Bonnici, *Dizzjunarju Bijo-Bibljografiku Nazzjonali* (1960).
M. J. Schiavone, *L-Elezzjonijiet Ġenerali 1849-1992* (1992).
M. J. Schiavone, L.J. Scerri, *Maltese Biographies of the Twentieth Century* (1997).
G. Tonna-Barthet, *Maltese Poets of the XX Century* (1968).